MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-31 ta' Lulju, 2013

Appell Kriminali Numru. 126/2012

**Il-Pulizija**

**v.**

**Noel Falzon**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-imputazzjonijiet miġjuba mill-Pulizija Eżekuttiva kontra Noel Falzon, detentur tal-karta tal-identita` numru 448770(M), talli fit-3 ta' Ottubru, 2010 għall-ħabta ta' 23.50 hrs ġewwa l-ħanut 'Envy Bar' li jinsab fi Triq il-Bajja s-Sabiħa, Birzebbugia:

(1) naqas li jħares xi waħda mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att [Kap 409 tal-Li[ijiet ta' Malta] jew xi kundizzjoni, restrizzjoni jew limitazzjoni oħra li għaliha tkun suġġetta il-liċenzja;

(2) bħala persuna liċenzjata biex iżomm il-ħanut Envy Bar ħaddem jew ippermetta min iħaddem amplifikatur, gramafon jew loudspeaker;

(3) bħala persuna liċenzjata biex iżomm il-ħanut Envy Bar ikkaġuna jew ippermetta ħsejjes daqshekk qawwija li bihom seta' dejjaq il-ġirien jew nies li joqogħdu fil-bini qrib;

(4) ma obdiex l-ordni leġittima tal-Pulizija waqt li kienu jaqdu d-dmirijiet tagħhom;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-16 ta' Frar 2012 li permezz tagħha dik il-Qorti ma sabitux ħati ta' l-imputazzjonijiet dedotti u minnhom illiberat lill-imsemmi Noel Falzon;

**3.** Rat ir-rikors ta' appell tal-Avukat Ġenerali ppreżentat fit-13 ta' Marzu 2012 fejn talab lil din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza appellata u wara li tisma` l-provi dwar il-każ, issib ħtija u tinfliġġi l-piena skond il-liġi;

**4.** Rat l-atti kollha tal-kawża; rat il-fedina penali aġġornata ta' l-appellat esebita mill-prosekuzzjoni b'ordni ta' din il-Qorti; rat illi l-appellat debitament notifikat baqa' ma deherx fis-seduta tat-8 ta' Mejju 2013; rat id-digriet tagħha fejn ordnat il-prosegwiment tal-każ; semgħet il-provi; ikkunsidrat:

**5.** L-aggravju ta' l-appellant Avukat Ġenerali hu li l-Ewwel Qorti lliberat lill-appellat minħabba interpretazzjoni żbaljata tal-liġi. L-Avukat Ġenerali jgħid:

"Illi l-ewwel Qorti lliberat lill-appellat minħabba:

"*'L-imputat jiġġestixxi ħanut għal "Bars with amplified music". Dan ifisser li tista` tindaqq mużika anki amplifikata sas-01:00 a.m. wara dan il-ħin il-mużika ma tistax tindaqq.'*

"*'L-akkuża ssemmi l-ħin tal-ħdax u nofs ta' bil-lejl.'*"

"Illi bl-akbar rispett l-Onorabbli Qorti kienet żbaljata kemm fattwalment kif ukoll legalment.

"Illi l-akkuża tgħid *għall-ħabta ta' 23.50hrs*. Illi l-affidavits ta' P.C. 591 Jeandre` Grixti u P.C. 829 Alan Dougall jgħidu *għall-ħabta ta' 23:45 hrs irċevejna telefonata anonima ….*

"Illi l-artikolu 38(1) proviso (a)-(c) ta' l-Avviż Legali 1 ta' 2006 jgħid b'mod ferm ċar:

"'Iżda-

'(a) id-daqq ta' mużika b'kull mezz ġewwa post kummerċjali li ma jkunx liċenzat biex idoqq mużika amplifikata għandu jieqaf sal-11.00 p.m.

'(b) mużika amplifikata tista' tindaqq biss wara l-11.00 p.m. f'postijiet kummerċjali li għandhom liċenza għad-daqq ta' mużika amplifikata f'dak il-post.

'(c) bla ħsara għall-paragrafu (b) hawn qabel, id-daqq ta' mużika b'kull mezz ġewwa post kummerċjali li jkun liċenzat biex idoqq mużika amplifikata b'tali mod li jinstema' minn barra tal-post f'kull żona huwa projbit wara l-11.00 p.m., b'eċċezzjoni għal dawk iż-żoni ġewwa Buġibba, l-Qawra u Paceville, kif stabilit fil-Ħames Skeda, fejn id-daqq ma' jistax jinstema' minn barra tal-post wara s-1.00 a.m.'"

"Ir-reat in kwistjoni sar ġewwa Birzebbugia u kien jinstema' barra l-istabiliment u għalhekk huwa ċar li l-Onorabbli Qorti kellha ssib ħtija."

**6.** Din il-Qorti tosserva l-ewwelnett illi l-provvedimenti kif ċitati mill-Avukat Ġenerali ġew emendati permezz ta' l-Avviż Legali 186 tas-sena 2007 billi fil-paragrafi (a) u (b) wara l-kliem "11.00 p.m." żdiedu l-kliem "u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m.", filwaqt illi fil-paragrafu (c) wara l-kliem "11.00 p.m." żdiedu l-kliem "11.00 p.m. u bejn is-1.00 p.m u l-4.00 p.m. u nofs il-lejl fil-lokalitajiet ta' Buġibba, il-Qawra u San Pawl il-Baħar".

**7.** Issa, skond l-Avukat Ġenerali, l-Ewwel Qorti kellha ssib ħtija għax il-mużika kienet tinstema’ barra l-ħanut. Jirriżulta li l-ħanut in kwistjoni għandu liċenzja biex idoqq mużika amplifikata. Dan ifisser, skond il-liġi ċitata mill-Avukat Ġenerali stess, li tali mużika tista’ tindaqq anke wara l-11.00 p.m., b’dan illi wara l-11.00 p.m. – fil-każ tal-ħanut in kwistjoni li jinsab Birzebbugia – l-mużika amplifikata m’għandhiex tinstema’ minn barra.

**8.** Mill-affidavits ta’ P.C. 591 Jeandre` Grixti u P.C. 829 Alan Dougall jirriżulta illi fit-3 ta’ Ottubru 2010 għall-ħabta ta’ 23:15 hrs irċevew telefonata anonima l-għassa ta’ Birzebbugia fejn ġew infurmati li l-ħanut tax-xorb Envy Bar li jinsab ġewwa l-Bajja s-Sabiħa, Birzebbugia kellu mużika b’volum għoli. Marru fuq il-post fejn, għalkemm sabu li l-bieb ta’ barra kien magħluq, kienet tinstema’ mużika għolja u amplifikata minn barra. P.C. 829 kellem lill-appellat, ordnalu biex ibaxxi l-volum, u dak il-ħin hekk għamel. Għall-ħabta ta’ 23:45 irċevew telefonata anonima oħra fejn ġew infurmati li fl-istess ħanut kien hemm mużika għolja. Marru fuq il-post, sabu l-bieb tal-ħġieġ ta’ barra magħluq u l-mużika ma kinitx tinstema’ iżda kull darba li l-bieb infetaħ biex jidħlu jew joħorġu xi nies, il-mużika kienet tinstema’.

**9.** Mix-xiehda ta’ l-Avukat Dottor Michael Camilleri jirriżulta li fost il-kundizzjonijiet fil-liċenzja hemm li *“no nuisance is to be caused to neighbours and the public”*.

**10.** Minn dawn il-provi għalhekk m’hemmx dubju illi l-appellat kien qiegħed idoqq mużika amplifikata wara l-11.00 p.m. li kienet tinstema’ minn barra u liema mużika kienet qed iddejjaq lill-ġirien u/jew lill-pubbliku. Għalhekk l-ewwel tliet imputazzjonijiet jirriżultaw debitament pruvati, bl-assorbiment tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fl-ewwel imputazzjoni. Kwantu għar-raba’ imputazzjoni, peress illi jirriżulta li meta ngħata l-ordni mill-Pulizija biex ibaxxi l-volum, l-appellat hekk għamel, ma jistax jingħad li ma obdiex l-ordni tal-Pulizija.

**11.** Għal dawn il-motivi tiddeċiedi billi tirriforma s-sentenza appellate, tirrevokaha in kwantu ma sabitx lill-imsemmi Noel Falzon ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, u minflok issibu ħati ta' l-ewwel, it-tieni u t-tielet imputazzjonijiet, bl-assorbiment tat-tieni u t-tielet imputazzjonijiet fl-ewwel imputazzjoni u, wara li rat il-paragrafi (b) u (c) tal-*proviso* tar-regolament 38(2) ta' l-Avviż Legali 1/2006, kif ukoll ir-regolament 53 ta' l-istess Avviż Legali 1/2006 u l-artikolu 43(1)(b) tal-Kap. 409 tal-Liġijiet ta' Malta, tikkundannah għall-ħlas ta' multa ta' elf u mija u erbgħa u sittin euro u disgħa u sittin ċenteżmu (€1,164.69). Tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu ma sabitx lill-imsemmi Noel Falzon ħati tar-raba' imputazzjoni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------